



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2015
COM(2015) 362 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-
Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-
Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija
u passiġġieri bil-baħar**

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U

LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija u passiġġieri bil-baħar

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ġie adottat għal żewġ għanijiet ewlenin – jiġifieri biex il-ġbir tad-dejta dwar il-merkanzija ttrasportata bit-trasport marittimu jkun konformi ma' dak tal-merkanzija ttrasportata b'mezzi oħra ta' trasport u biex is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni bid-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² ikunu allinjati mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk ir-Regolament:

1. jintroduċi, skont il-klassifikazzjoni NST 2007³, ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jipprovdu dejta dwar it-trasport bil-baħar fil-portijiet ewlenin Ewropej skont it-tip ta' merkanzija, biex b'hekk id-dejta dwar il-ġbir ta' merkanzija ttrasportata bit-trasport marittimu tkun konformi mal-approċċi u l-istandards użati għall-istatistika dwar it-trasport bit-triq, it-trasport bil-ferrovija u t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni; u
2. jallinja s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni bid-Direttiva 2009/42/KE mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Id-Direttiva 2009/42/KE tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jaqdu l-għanijiet li ġejjin:

- jaddattaw ir-rekwiżiti tal-ġbir tad-dejta stabbiliti fl-Annessi I sa VIII biex jirriflettu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, sakemm dawn il-bidliet ma jinvolvux żieda sostanzjali fl-ispejjeż għall-Istati Membri u/jew fil-piż li għandu min iwieġeb (kif deskritt fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/42/KE);
- ifasslu lista ta' portijiet, kodifikati u klassifikati skont il-pajjiż u ż-żoni marittimi kostali (kif deskritt fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2009/42/KE); u

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (ĠU L 325, 9.12.2010, p. 1).

² Id-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (ĠU L 141, 6.6.2009, p. 29).

³ Klassifikazzjoni standard tal-oġġetti għal statistiċi tat-trasport, 2007.

- jemendaw elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2009/42/KE biex jiżguraw li l-metodi tal-ġbir tad-dejta użati għall-produzzjoni ta' settijiet ta' dejta statistiċi dwar it-trasport bil-baħar deskritti fl-Anness VIII huma tali li dawn is-settijiet ta' dejta jissodisfaw l-istandards ta' preċiżjoni stabbiliti mill-Kummissjoni (fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/42/KE).

Ir-Regolament (UE) Nru 1090/2010 jenfasizza l-importanza li meta tħejji atti delegati, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, anke fuq il-livell tal-esperti.

2. BAŻI LEGALI

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2009/42/KE. Din id-dispożizzjoni tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin mid-29 ta' Diċembru 2010. Mill-inqas sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin, il-Kummissjoni trid tħejji rapport dwar id-delega tas-setgħat.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Minn meta r-Regolament (UE) Nru 1090/2010 daħal fis-seħħ, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni delegata waħda, jiġifieri d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni 2012/186/UE⁴. Din addattat ċerti partijiet tar-rekwiżiti ta' ġbir tad-dejta stabbiliti fl-Annessi I sa VIII tad-Direttiva 2009/42/KE biex jirriflettu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi.

Il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ teżerċita s-setgħa li nġhatatilha bid-Direttiva 2009/42/KE sabiex timplimenta sett ta' rakkomandazzjonijiet għall-addattament u s-simplifikazzjoni tal-ġbir tad-dejta proposti mit-Task Force dwar l-Istatistiċi tat-Trasport Marittimu⁵ u wara approvati mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika tat-Trasport Marittimu⁶. Kid iddikjarat fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/42/KE, il-Kummissjoni tista' tadotta dawn il-miżuri permezz ta' atti delegati⁷.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2012 li temenda d-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (ĠU L 101, 11.4.2012, p. 5).

⁵ It-Task Force dwar l-Istatistiċi tat-Trasport Marittimu, operattiva bejn l-2006 u l-2009, kienet tinkludi esperti minn ħames awtoritajiet statistiċi tal-Istati Membri u rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet tal-industrija marittima u mill-Kummissjoni.

⁶ Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika tat-Trasport Marittimu huwa ffurmat minn esperti mill-awtoritajiet nazzjonali b'kompetenza fl-istatistika tat-trasport marittimu fl-Istati Membri kollha tal-UE u fil-pajjiżi tal-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali u minn rappreżentanti mill-pajjiżi kandidati, mill-organizzazzjonijiet tal-industrija marittima u mill-Kummissjoni. Il-Grupp approva dawn ir-rakkomandazzjonijiet f'April 2008 u f'Marzu 2010.

⁷ Skont l-Artikolu 10a u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 10b u 10c tad-Direttiva 2009/42/KE (kif emendata bir-Regolament (UE) Nru 1090/2010).

Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni 2012/186/UE introduċiet l-adattamenti u s-simplifikazzjonijiet li ġejjin tar-rekwiżiti tal-ġbir tad-dejta stabbiliti fl-Annessi I sa VIII tad-Direttiva 2009/42/KE:

- 1) Bidla teknika fil-klassifikazzjoni tat-tip ta' merkanzija fl-Anness II: l-eks kategorija ta' merkanzija 63 inqasmet fi tliet kategoriji ġodda ta' merkanzija: 64 *Vaguni tal-ferrovija involuti fit-trasport tal-merkanzija*, 65 *Karrijiet ta' fuq il-bastimenti li jintużaw minn port għall-ieħor involuti fit-trasport tal-merkanzija* u 66 *Barkuni ta' fuq il-bastimenti involuti fit-trasport tal-merkanzija*.
- 2) Bidla teknika fin-nomenklatura għaż-żoni kostali marittimi fl-Anness IV: l-eks kodiċi taż-żona kostali marittima għall-Messiku inqasam f'żewġ kodiċijiet separati: MX01 *Il-Messiku: l-Atlantiku* u MX02 *Il-Messiku: il-Paċifiku*.
- 3) Simplifikazzjoni tal-ġbir tad-dejta għat-traffiku tal-bastimenti fil-portijiet ewlenin Ewropej f'settijiet tad-dejta F1 u F2 fl-Anness VIII: il-varjabbli *Direzzjoni* tħassret (peress li trid tinġabar biss id-dejta dwar il-moviment 'il ġewwa fil-portijiet).
- 4) Formalizzazzjoni tal-istatus legali tas-settijiet tad-dejta F1 u F2 fl-Anness VIII: il-ġbir tad-dejta għas-sett tad-dejta F1 issa huwa fakultattiv u għas-sett tad-dejta F2 issa huwa obbligatorju.
- 5) Introduzzjoni ta' sett tad-dejta ġdid bl-isem ta' C2 fl-Anness VIII: żdiedu l-ispeċifikazzjonijiet għall-ġbir tad-dejta fakultattiv fl-unitajiet tal-kontejners Ro-Ro fil-portijiet ewlenin Ewropej.
- 6) Bidla teknika fil-klassifikazzjoni tat-tip ta' merkanzija fl-Anness II: ġie introdott sett ta' kodiċijiet għall-ġbir tad-dejta fl-unitajiet tal-kontejners Ro-Ro għas-sett tad-dejta C2 (RX *Kontejners Kbar Ro-Ro*, R1 *20 ft unitajiet tat-tagħbija*, R2 *40 ft unitajiet tat-tagħbija*, R3 *Unitajiet tat-tagħbija > 20 ft u < 40 ft*, u R4 *Unitajiet tat-tagħbija > 40ft*).
- 7) Barra minn hekk, id-deskrizzjonijiet tal-varjabbli u d-definizzjonijiet statistiċi mogħtija fl-Anness I ġew aġġornati biex jirriflettu l-bidliet tekniċi msemmija hawn fuq.

Hi u tħejji d-Deċiżjoni Delegata, il-Kummissjoni kkonsultat mal-esperti nazzjonali fil-laqgħat annwali tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Istatistika dwar it-Trasport li saru f'Diċembru 2010 u f'Diċembru 2011. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ġew infurmati kif xieraq bil-laqgħat kollha tal-gruppi ta' esperti u rċewew minnufih u f'forma xierqa d-dokumenti kollha rilevanti. F'Novembru tal-2011 ġie diskuss l-abbozz tad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni li ntlaga' b'mod favorevoli mid-Diretturi Ġenerali tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea.

Fit-3 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat u nnotifikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. La l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma ħarġu xi oġġezzjoni għad-Deċiżjoni Delegata fi żmien il-perjodu standard ta' xahrejn permess. Mal-iskadenza tal-

perjodu ta' xahrejn, jgħifieri fil-11 ta' April 2012, id-Deċiżjoni Delegata ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din daħlet fis-seħħ fit-12 ta' April 2012.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni eżerċitat sew is-setgħat delegati tagħha u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.